MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 174/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Cassar talli fid-19 ta’ Ottubru 2003 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghal-uzu esklussiv tieghu;

b) Ikkometta reat fil-perijodu operativ ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal Magistrati ta’ Malta (Magt. Dr. A. Lofaro) fit-08.01.01;

c) Kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta Malta (Magt. Dr. N.Cuschieri) fl-04.02.02.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-pieni skond il-ligi, tordna lill-imsemmi Christopher Cassar sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Christopher Cassar hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija u ghal mitejn liri Maltin (Lm200) multa ghall-ewwel imputazzjoni; estensjoni ghall-perijodu tas-sentenza sospiza ghal sentejn (2) ohra mid-data tas-sentenza ghat-tieni imputazzjoni sabiex l-istess Christopher Cassar jaghmel sforz ha johrog mill-vizzju; u dwar it-tielet imputazzjoni ikkundannatu jhallas multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100) fiz-zmien moghti mil-ligi; ordnat ukoll li jhallas l-ispejjez ta’ l-esperti ammontanti ghal Lm52.99 u d-distruzzjoni ta’ l-affarijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mad-droga taht il-harsien tar-Registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Christopher Cassar pprezentat fis-16 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet htija ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni u tbiddel l-ewwel

imputazzjoni billi ssibu hati ta’ semplici pussess u tinfliggi piena anqas gravi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi, skond hu, l-ewwel Qorti qatt ma setghet issibu hati li d-droga li kellu fil-pussess tieghu ma kenitx biss ghall-uzu esklussiv tieghu. Dan naturalment jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jargumenta li l-ammont ta’ droga li nstab mhuwiex daqstant kbir li jindika li dan ma kienx biss ghall-uzu esklussiv tieghu ghax huwa kien ilu jabbuza mid-droga ghal dawn l-ahhar hames snin. Jghid illi meta wiehed iqis illi qartas ikun fih madwar 0.06 gr., kif jirrizulta anke mix-xiehda ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud, u lill-appellant instablu total ta’ 0.34 gr., cioe` bizzejjed ghal mhux aktar minn hamest iqratas, u meta wiehed iqis illi huwa xehed illi kien jiehu daqs nofs gramma kuljum, dan ma jistax iwassal ghall-konvinciment morali li d-droga nstabet f’cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-appellant isostni illi l-provi juru li d-droga kienet ghalih u sinifikanti huwa l-hin li marru l-Pulizija, cioe` ghall-habta tal-11.50 a.m. u jsaqsi, galadarba stqarr li kien juza nofs gramma kuljum, il-Pulizija kienu jsibu l-imsemmi ammont kieku marru filghaxija? Din tan-nofs gramma kuljum, jghid l-appellant, ma kenitx xi stratagemma li hareg biha fl-istadju tad-difiza izda stqarrha mill-ewwel fl-istqarrija tieghu.

Din il-Qorti tistqarr li ma tissorprendi ruhha xejn illi persuna li tkun ilha hames snin tabbuza mill-eroina tkun qed tuza nofs gramma kuljum u inoltre m’ghandha l-ebda diffikulta` temmen illi l-appellant ghad ghandu din il-problema. Izda meta persuna tigi akkuzata illi kellha

ammont ta’ droga fil-pussess taghha f’cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv taghha, il-Qorti trid tikkunsidra proprju c-cirkostanzi kollha li fihom tkun instabet tali droga.

Fil-kaz in ezami jezistu dawn ic-cirkostanzi kollha: Meta l-Pulizija marru biex jaghmlu tfittxija fir-residenza ta’ l-appellant raw persuna li telqet tigri (ara xiehda ta’ P.S. 536 Jason Caruana a fol. 25 et seq.). Fid-dahla tal-garaxx ma’ l-art sabu qartas illi l-appellant innega li kien tieghu (ara xiehda ta’ P.C. 1013 Raymond Debono a fol. 73 u 74). Meta gie mitlub mill-Pulizija jurihom il-kamra tas-sodda tieghu, hadhom f’dik ta’ missieru li pero` kien prezenti u qal lill-Pulizija li dik kienet tieghu u li ta’ l-appellant kienet ohra faccata (ara xiehda ta’ l-istess P.C. 1013 Raymond Debono u ta’ l-Ispettur Anthony Cassar a fol. 14 et seq.). Fil-kamra tas-sodda ta’ l-appellant il-Pulizija sabu lighter ahdar, bicca minn faccata ta’ pitazz, zewg bicciet foil li go wahda minnhom kien hemm ticpis ta’ lewn kannella skur, karta bajda b’kitba fuqha, pitazz b’qoxra hadra b’faccati nieqsa u partijiet minn faccati mqatta’, sikkina, imqass, tliet boroz zghar tal-plastik li tnejn minnhom kellhom fihom tracci ta’ trab kannella u t-tielet borza bi trab kannella, u tliet bicciet foil b’ticpis ta’ lewn kannella. Fl-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija ammetta li kull ma nstab kien tieghu. Effettivament fir-relazzjoni tieghu l-Ispizjar Mario Mifsud sab illi kien hemm *mechanical fit* bejn il-karta tal-qartas li nstab fil-garaxx u l-faccata ta’ pitazz li nstabet fuq is-sodda fil-kamra tas-sodda ta’ l-appellant. Mill-istess relazzjoni rrizulta illi t-ticpis kannella li kien hemm fuq il-bicciet tal-foil u z-zewg boroz zghar tal-plastik kienu tracci ta’eroina filwaqt illi fil-qartas li nstab fil-garaxx kien hemm eroina fl-ammont ta’ 0.064 ta’ gramma u fil-borza tal-plastik 0.279 ta’ gramma eroina. It-tracci fuq il-bicciet tal-foil huma evidenza ta’ konsum ta’ l-eroina. Izda din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, mhijiex soddisfatta illi l-eroina li kellu l-appellant kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Difatti s-sejbien ta’ folji u bicciet ta’ folji ta’ pitazz u mqass u s-sejbien tal-qartas hdejn il-bieb tal-garaxx u fic-cirkostanzi li nstab huma indikattivi ta’ persuna li wkoll qed tipprepara qratas biex tittraffikahom.

Jigi osservat illi fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid illi kien jiehu daqs nofs gramma kuljum. Fl-istess hin jghid illi huwa kien jaghmel zewg pakketti biex ikollu ghal filghaxija. Jekk il-pakkett li nstab ma' l-art fil-garaxx kien intiz ghall-uzu mill-appellant filghaxija, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni plawsibbli ghaliex l-appellant kien qieghed igorr dak il-pakkett fuqu – biex instab ma' l-art hdejn il-bieb tal-garaxx, bil-fors remieh hemm l-appellant stess – meta kellu l-kumplament ta' l-eroina fil-kamra tas-sodda tieghu u evidenza ta' konsum ta' eroina fil-kamra tas-sodda tieghu stess. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti mbaghad qal li l-eroina li sabulu l-Pulizija kien jehodha f'gurnata, izda mistoqsi mill-prosekuzzjoni kemm kien jiehu droga qal li ma jiftakarx ezatt. Qal li kien jaqsam naqra ghal filghaxija u mal-gurnata jehodha dik li nstabet fil-kamra tas-sodda tieghu u, mistoqsi mill-prosekuzzjoni ghaliex ma setax jiehu naqra mill-borza tal-plastik minflok joqghod jaghmel pakkett, wiegeb illi ha naqra mill-borza u ghamel pakkett biex ihallieh ghal filghaxija u tal-borza kien ser jehodha dak il-hin. Din hija kontradizzjoni lampanti dwar il-mod ta' kif l-appellant allegatament kien juza eroina ghax ma jaghmilx sens li "dak il-hin" jikkonsma 0.279 ta' gramma u "ghal filghaxija" jhalli pakkett b'0.064 ta' gramma. Il-konkluzjoni ta' din il-Qorti ghalhekk, bhal ta' l-ewwel Qorti, hi li l-appellant ma jistax jitwemmen illi l-eroina li nstabet kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Konsegwentement is-sentenza appellata timmerita li tigi kkonfermata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, il-perijodu operattiv estiz ghal sentejn tas-sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Jannar 2001 jibda jiddekorri millum. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba l-problema li l-appellant ghandu ta' abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------